MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2008

Numru 670/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nezren Grixti)**

**versus**

**Victor Tonna**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Victor Tonna ta’ 47 sena, bin Joseph u Giovanna nee Zammit, Residenti ‘Leanne’ Triq Vincenzo Bugeja Santa Venera mwieled ġewwa l-Floriana fil-31 ta’ Mejju 1960 u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 378260 (M)

Akkużat talli:

1. Nhar id-9 t'Awissu 2007 ġewwa Santa Venera għall-ħabta ta' 01.00 pm uża vjolenza sabiex iġiegħel lil Leanne Tonna ID 485890 (M), Edwin Formosa ID 689240 (M), Carmen Formosa ID 50064 (M) u lil Josephine Formosa ID 632941 (M) jagħmlu, jħalli jsir jew jonqsu milli jagħmlu xi ħaġa u dan ai termini ta' l-Artikolu 251 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u KApitoli 481 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi kkaġuna ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuna ta' Leanne Tonna, Edwin Formosa u ta' Carment Formosa u dan skond kif iċċertifika Dr.MC Formosa MD Reg 2941 miċ-ċentru tas-saħħa tal-Floriana u dan ai termini ta' l-artikolu 221 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ħebb għall-istess persuni msemmija sabiex jinġurjahom, iddejjaqhom jew jagħmlilhom ħsara u dan bi kur ta' l-artikoli 339(d) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta u kapitolu 481 tal-Liġijiet ta' Malta.

4. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ingurja jew hedded jew għamel offizi fuq il-persuna tal-membri tal-korp tal-pulizija imsemmija cioe ta' PS 1141 Noel Tanti, PC 1 Joseph Busuttil, PC 960 Paul Vassallo u PC 749 Pace inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku li kienu qed jagħmlu jew minhabba li kienu qed jagħmlu dan is-servizz jew bil-hsieb li tinfluwixxi jew tbezzagħhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe u dan ai terminu ta' l-Artikoli 92 u 95 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

5. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi ma obdiex l-ordnijiet legittimi mogħtija lilu mill-pulizija jew ma ħalliex jew fixkel waqt li kienu jagħmlu d-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod ieħor bla jedd indaħal fl-istess dmirijiet billi ma ħalliex lill-membri tal-korp tal-pulizija jagħmlu dak b'ligi kienu ordnati li jagħmlu u billi hassar jew gab fix-xejn dak li l-membri tal-korp tal-pulizija bhala awtorita' kienu għamlu u dan ai terminu ta' l-Artikolu 338(ee) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

6. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi hedded lill-istess membri tal-Korp tal-pulizija bi kliem u dan ai terminu ta’ l-Artikolu 338(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

7. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi bil-hsieb li jtellef il-gieħ jew inaqqas il-gieħ ta’ l-ufficjali tal-pulizija imsemmija fl-akkuzi hawn fuq billi b’kitba b’disinji jew b’xi mod ieħor immalafamahom u dan ai terminu ta’ l-Artikolu 252 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti ntalbet ukoll li f’każ ta’ ħtija tipprovdi għas-sigurta’ ta’ Leanne Tonna

U aktar tordna li jkun hemm ordni ta’ protezzjoni lejn Leanne Tonna u l-membri familjari tagħha u ta’ Edwin Formosa u Carmen Formosa u dan ai termini ta’ l-artikolu 412 C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat l-atti kollha tal-proċess inluż id-dikjarazzjoni magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża li ma kien hemm ebda oġġezzjoni li l-kawża tinstema’ min din il-Qorti kif preseduta, l-istqarrija magħmula minn Victor Tonna a fol 5, 6 u 7; il-fedina penali tiegħu; iċ-ċertifikat tat-twelid li jġib in-numru 372 tas-sena 1960; il-kunsensi kemm ta’ l-Avukat Ġenerali kif wkoll ta’ l-imputat sabiex din il-proċedura ssir waħda sommarja;  iċ-ċertifikat magħmula dwar Leanne Tonna li tidher li kellha *anxiety state* a fol 14 kif wkoll ta’ Carmen Formosa ta’ fol 15 u ta’ Edwin Formosa a fol 16; id-dikjarazzjoni magħmula minn Dr Leon Benċini li deher għall-parte civili li qal li kien lest jirrinunzja għal dawk l-imputazzjonijiet li huma kontra l-membri tal-familja tant illi dawn ikollhom garanzija li l-imputat ma jimmolestax bl-ebda mod il-familja ta’ Edwin Formosa, basta l-imputat ma jidħolx fil-propjeta’ tal-familja Formosa mingħajr il-permess u lit-tifla ta’ l-imputat jkollha aċċess għall-familjari tal-familja Formosa;  il-current incident report li jinsab a fol 38 sa 41;  iċ-ċertifikat li jidher a fol 50 dwar Leanne Tonna li huwa l-istess bħal dak ta’ qabel;  l-affidavit magħmul minn Dr. Mary Claire Formosa a fol 51 u 52.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni mill-abbli prosekutur u mill-abbli difensur.

Ikkonsidrat.

Mill-istqarrija ta’ l-imputat magħmula fid-9 ta’ Awissu 2007 jirriżulta li kien inqala’ xi inkwiet wara illi t-tifla kienet ħarġet mid-dar u marret ħdejn in-nannu tagħha Edwin Formosa. Il-mara ta’ l-imputat kienet talbet lil missierha biex jibgħat lit-tifla lura u ma jindaħalx. L-imputat kien mar iġib lit-tifla lura u hemm sab lil Edwin Formosa li talbu biex jitkellmu. Dak il-ħin l-imputat, skond ma qal fl-istqarrija tiegħu, kien insulentat minn Josephine Formosa u minn oħtha Carmen. Josephine u Carmen, dejjem skond l-istqarrija ta’ l-imputat, qabżu fuqu u hu ddefenda ruħu u beda jimbuttahom. It-tifla bdiet tibża’ u marret wara missier il-mara. L-argument kien inqala’ sempliċiment għaliex it-tifla kienet qed tibgħat sms’s lill-boyfriend tagħha li f’dak il-mument kien fuq ix-xogħol. Il-missier kien wissieha biex tieqaf. L-imputat nnega li hu kien kisser xi affarijiet waqt li kien fil-laundry. Meta kien mistoqsi jekk kienx allega li l-pulizija kienu b’xi mod offendewh, l-imputat innega. (fol 7).

Xehdet Leanne Tonna li qalet li missierha ma kienx ser iħallieha toħroġ filgħaxija. Hi kienet rċeviet messaġġ fuq il-mobile u missierha kien qalilha biex ma tirrispondiehx minħabba li l-boyfriend kien ix-xogħol. Peress li filgħaxija ma kienx ser iħallieha toħroġ, hi rribellat (fol 18). Hija ħarġet barra u raha n-nannu. Hija qalet li missierha ma kien għamillha xejn (fol 18). Missierha ma ridiex tmur għand in-nannu iżda hi marret u reġgħet qalet hawn hekk illi missierha qatt ma sawwatha. Hija qalet li missierha kien ser jgħajjat imma ma sawwathiex. Missierha kien mar għaliha izda hi ma riditx tmur għax bdiet tibza’. In-nannu ċempel lill-pulizija u imbgħad Leanne ma kinitx taf iktar x’gara għax baqgħet għand in-nanna. Imbgħad haduha il-polyclinic. Hija kienet bdiet tlaqlaq minħabba ix-xokk. Hi kienet inhasdet. Hija qalet li kellha xokk biss. It-

tifla qalet li hija kienet qed tibza' li missierha kien ser jehdilha l-mobile u l-mobile kienet thobbu hafna. Hija kienet bezgħet wkoll għax rat il-pulizija.

Fil-kontro eżami hija qalet li missierha qatt ma kien sawwatha u qatt ma qalilha kif għandha tixhed.

Xehed ukoll PS 1141 Noel Tanti li qal li fid-9 ta' Awissu 2007 għall-ħabta tas-1.00pm kien infurmat li gewwa Abela Street St Venera kien hemm argument familjari bejn il-kunjatu u r-raġel tat-tifla. Huwa kien mar il-Welcome Laundry fejn sab lil Edwin Formosa li qallu li ċertu Victor Tonna kien daħal gol-laundry tagħhom, qabad jagħti lilu, lit-tifla tiegħu u lit-tifla tas-Sur Tonna u kisser ukoll tubu li jigi għal gol-laundry. Dan is-surġent imbgħad qal li pprova jiehu l-verzjoni ta' l-imputat izda dan qabad jgħajjat u wara qal illi s-surġent kien offendieh lill-imputat. Dan ix-xhud ma qala' ebda daqqiet mingħand l-imputat. Dan ix-xhud nnega li qatt offenda lill-imputat.

Ix-xhud kompla jgħid illi kien hemm resistenza għall-arrest da parti ta' l-imputat (fol 36). Huwa rega' qal illi ma kienx aggredit mill-imputat u lanqas kellu xi grieħi u lanqas għamel ġesti oxxeni.

Xehed ukoll PC 749 Matthew Pace li qal li s-surġent beda jipprova jkellem lill-imputat iżda l-imputat beda jissuppervja. Qallu hawn go dari ma nkellmekx u fil-fatt tela' fuq. Huwa rresista l-arrest. L-imputat beda jallega illi s-suġent kien offendieh. L-imputat beda ixejjer idu biex ma jmurx magħhom u l-affarijiet tas-soltu.

Xehed PC 1 Joseph Busuttil li qal li l-imputat ma bediex jikkopera meta marru biex jieħdu l-verzjoni tiegħu (fol 45).

PC 960 Paul Vassallo qal li l-imputat kien ħebb u hedded lil xi familjari tiegħu fosthom lit-tifla. Iżda lilu ma kienx missu. U beda jgħid illi PS 1141 Tanti offendieh izda dan ma kien minnu xejn.

Xehed ukoll l-imputat li qal illi ma bintu u mal-mara kien dejjem għex feliċi. Il-kunjatu kien iħobb jindahal ħafna fil-

familja. Illum il-ġurnata kollox baqa' fil-paċi. Dan kien hemm biċċa inkwiet għaliex lit-tifla kien taha kastig minħabba l-mobile. L-imputat kien qal li lit-tifla ma jsawwathiex, imma jikkastigaha bil-mobile. Huwa ma riedx li t-tifla toqgħod tibgħat il-messaggi għax inkella l-imgħallem itellef il-job lill-boyfriend tagħha. Il-mara kienet ċemplet lil missierha u qaltlu biex ma jindaħalx għax dan kien kaz veru zgħir. In-nannu izda ma riedx jibgħat lit-tifla lura. L-imputat nizel għaliha u gibduh minn xagħru u ċemplu lill-pulizija. L-imputat qal li ddispjacieh illi dak li gara mal-pulizija għax hu ħass li ma kienx hemm għalfejn jidhlu fin-nofs. Hu qal li ma għandu xejn kontra l-pulizija u jiddispjacieh jekk qal xi haga.

Reggħet xehdet Leanne Tonna t-tifla ta' l-imputat li qalet li dak inhar kienet kwistjoni fuq il-mobile u hi kienet nizlet għand in-nannu bħala suppervja. Minn dak inhar sa llum ma nqala' ebda ġlied u qegħdin tajjeb.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Dwar l-ewwel imputazzjoni, bħala Punt ta' Liġi, il-Qorti għandha l-artikolu 251(1) tal-Kap 9. Dan l-artikolu jgħid:

***'Kull min juża vjolenza sabiex iġiegħel lil xi ħadd jagħmel, iħalli ssir, jew jonqos milli jagħmel, xi ħaġa....'***

Dwar dan ir-reat l-Antolisei jgħid:

A. 'L'elemento oggettivo e' costituito da una violenza o da una minaccia che abbiano l'effetto di costringere taluno a fare, tollerare od omettere qualche cosa.

B. L'avvenuto costringimento costituisce requisito essenziale del reato. Esso, quindi, ne segna la consumazione.

C. Il fatto deve essere illegittimo. L'illegittimita' e' esclusa soltanto quando ricorra una specifica causa di giustificazione, in forza della quale l'agente abbia la facolta' giuridica di imporre una determinat condotta al

paziente, come nel caso che si tratti di impedire la esecuzione o la permanenza di un reato. Fra i casi di liceita’ rientra anche l’uso della violenza o minaccia per impedire il suicidio di una persona.

D. L’elemento psicologico consiste nella coscienza e volonta’ di usare violenza o minaccia, prevedendo – quale conseguenza della propria azione – che altri fara’ tollerera’ od omettere qualche cosa.’[1]

B’din l-interpretazzjoni, jidher li biex isir dan ir-reat wieħed irid jikkostrinġi ‘l xi ħadd li jagħmel **xi ħaġa ħażina** jew iħalli ssir **xi ħaġa ħażina jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa u meta jkun qed jonqos milli jagħmel xi ħaġa tkun tirriżulta xi ħaġa ħażina.**

**Ma’ dan wieħed irid iżid l-intenzjoni li din ix-xi ħaġa ħażina ssir jew tħalliha ssir jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa biex tirriżulta xi ħaġa ħażina.**

Fil-fehma tal-Qorti ma jidhirx li l-imputat kellu l-intenzjoni li bintu tagħmel, tittolera jew ma tagħmilx xi ħaġa biex tirriżulta xi ħaġa illeġittima. Kien ikun każ ieħor kieku l-imputat immannaċċja lil bintu biex tagħmel xi ħaġa ħażina jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa biex il-ħażen jirriżulta. Fil-fehma tal-Qorti l-elementi ta’ dan ir-reat ma jidhrux preżenti fil-provi u għalhekk qed **tillibera** lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni.

F’din l-imputazzjoni il-Prosekuzzjoni għamlet referenza għall-Kap 481 li huwa l-Att Dwar il-Vjomenza Domestika. Bir-rispett kollu, l-ewwelnett l-imputazzjoni għandha d-diċitura ta’ l-artikolu 251 tal-Kap 9 u mhux id-diċitura tal-Kap 481. It-tieni dan l-Att prattikament waqqaf il-Kummissjoni għall-kontra l-Vjolenza Domestika u ma jsemmix reati. Għalhekk ir-referenza għal dan l-Att ma kinitx meħtieġa.

**It-tieni Imputazzjoni.**

[1] Antolisei F. Manuale di Diritto Privato Parte Speciale 1.pagine 132-135

Din si tratta dwar offiżi ta’ natura ħafifa li allegatament sofrew xi membri tal-familji. Skond l-artikolu 221 tal-Kap 9, f’każi ta’ offiżi ta’ natura ħafifa, sakemm ma jintużawx xi armi, jkun jinħtieġ il-kwerela tal-vittma. Stante l-verbal li jidher a fol.32, il-kwerela kienet irtirata u għalhekk il-Qorti **mhix tieħu konjizzjoni** tat-tieni imputazzjoni.

**It-tielet Imputazzjoni**

Din kienet tkun assorbita fit-tieni waħda u għalhekk il-Qorti **mhix tieħu konjizzjoni** ta’ din l-imputazzjoni wkoll. Japplikaw ukoll il-kummenti magħmula mill-Qorti taħt l-ewwel imputazzjoni dwar ir-referenza għall-Kap 481 magħmula mill-Prosekuzzjoni

**Ir-raba’ Imputazzjoni.**

Jirriżulta mix-xhieda ta’ PC 749 Matthew Pace li l-imputata beda jallega li s-surġent Noel Tanti kien offendieh u li l-imputat irreżista l-arrest (fol.43). Ma jirriżultax li għamel xi offiżi fuq il-Pulizija jew li heddidhom. Jirriżulta li l-imputat ma kienx fi stat ta’ kalma u, flok ikkopera mal-ewwel mal-Pulizija, qabad u tela’ ‘l fuq. Ma jirriżultawx l-estremi ta’ l-artikolu 95(1) u l-Qorti minflok qed issibu **ħati** tal-kontravenzjoni indikata fl-artikolu 339(1)(e) ‘jagħmel lil ħadd ieħor inġurji’ li hija kompriża u involuta fl-istess reat.

**Il-Ħames Imputazzjoni.**

Mill-provi mill-proċess din ma tirriżultax u għalhekk qed **tillibera** lill-imputat minnha.

**Is-Sitt Imputazzjoni**

Bħalma ntqal aktar ‘il fuq ma jirriżultax li l-imputat hedded lill-Pulizija. Huwa għamel allegazzjoni li surġent kien insulentah u għalhekk is-surġent ħass ruħu inġurjat. Għalhekk il-Qorti qed **tillibera** lill-imputat minn din l-imputazzjoni

**Is-Seba’ Imputazzjoni.**

Din l-imputazzjoni hija ppruvata iżda l-Qorti tirreferi għall-kumment magħmul taħt ir-raba' imputazzjoni u qed tiddeċiedi li japplika għal din l-imputazzjoni wkoll. Qed issib lill-imputat ħati ta' din l-imputazzjoni iżda hawn tapplika d-dispożizzjoni ta' l-artikolu 17(h) tal-Kap 9 u għalhekk din l-imputazzjoni qed titqies li hija assorbita ai termini ta' l-istess artikolu.

**Konklużjoni**

Għalhekk il-Qorti, wara li rat l-artikolu 17(h), 251, 221, 339((d), 92, 95, 338(ee), 338(e) u 252 tal-Kap 9 qegħda ssib lill-imputat ħati tar-raba' u tas-seba' imputazzjoni b'dan pero' li s-seba' imputazzjoni hija assorbita fir-raba' waħda ai termini ta' l-artikolu 17(h); qed tilliberah mill-ewwel, mill-ħames u mis-sitt imputazzjoni; u mhix tieħu konoxxenza tat-tieni u tat-tielet imputazzjoni.

Il-Qorti qed torna lill-imputat iħallas ammenda ta' €58.

Wara li reġgħet semmet lit-tifla tixhed, il-Qorti ma jidhrilhiex li hemm bżonn li tinħareġ xi ordni ta' Protezzjoni.

Minħabba l-kondizzjonijiet fil-verbal a fol.32 ser torbot lill-imputat b'obbligazzjoni fil-konfront ta' Edwin Formosa u Carmen Formosa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------